## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Camilleri**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Mario Camilleri, bin-numru tal-karta tal-identitá 758060M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"...nhar il-25 ta' Frar 2021 ghall-habta tas-01:00hrs u fil-hin u granet ta' qabel gewwa Triq Marcell Attard Vagnolo, Qormi,*

i) *Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, ġegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lil Alexander Grima, Catherine Grima, Liam Grima u Ryan Sciberras iħallsu dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Alexander Grima, Catherine Grima, Liam Grima u Ryan Sciberras fil-pussess ta' ħwejjiġhom b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.*

ii) *Ġibt ruħek b'tali mod li tajt fastidju lil Alexander Grima, Catherine Grima, Liam Grima u Ryan Sciberras, u b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li għamilt kien ta' fastidju għal Alexander Grima, Catherine Grima, Liam Grima u Ryan Sciberras.*

iii) *Wara li kont avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fl-Għassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi, sabiex tagħti dak it-tagħrif u / jew ġġib miegħek dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, inqast li tagħmel dan.*

iv) *Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*

*Il-Qorti hija miltuba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Alexander Grima, Catherine Grima, Liam Grima u Ryan Sciberras skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat id-dokumenti pprezentati;

Semghet ix-xhieda.;

Semghet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din tiffigura l-offiza tar-ragion fattasi ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imhadna fil-gurisprudenza Maltija, jirriflettu l-analizi tal -gurista Taljan, Francesco Carrara, fil-kitba tieghu, Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850, itenni l-elementi ta' dan ir-reat bhala:

*"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*

*2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*

*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*

*4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo, nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), intqal hekk:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Tal-istess portata kienet id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Mario Lungaro, fit-18 ta' Novembru, 1996:

*"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi: "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI,*

*pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*

*Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqies illi fil-kliem tal-ligi nfisha, biex jissussisti r-reat tar-ragion fattasi, jinhtieg li l-imputat *"ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu."* Fi kliem iehor, jinhtieg att estern li jispolja lil haddiehor minn oggett li jkun qieghed igawdi. Fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Eileen Said, deciza fid-19 ta' Gunju 2002, il-Qorti tal-Appelli Kriminali spjegat li:

*"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*

*'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u gurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' ragion fattasi, li minnu l-legislatur Malti kien gie kjarament ispirat, li tghallem li z-zamma jew rifjut ta' konsenja ta' oggetti per sè, ma twassalx ghal dan ir-reat ta' ragion fattasi. Skont il-Majno, *"E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a*

*restituire"* (Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti tqies li mill-provi rrizulta, li l-ilment huwa li l-imputat fixkel lill-parte civile fil-pussess ta' hwejjighom, u cioè fil-pussess ta' l-iscaffolding li kien imwahhal mal-faccata tal-proprjetà tal-familja Grima. Irrizulta izda, li l-iscaffolding, la kien proprjetà tal-familja Grima, u kif ukoll lanqas ma jista' jigi meqjus li kien fil-pussess tal-familja Grima. Dan l-iscaffolding gie armat mal-faccata tal-proprjetà tal-familja Grima mill-proprjetarju tieghu, sabiex imbaghad, jintuza biss mill-haddiema li kienu ser jaghmlu xogholijiet fuq il-faccata tal-proprjetà tal-familja Grima. Ghalhekk din il-Qorti mhix sodisfatta li gie ppruvat li l-imputat *"ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu."* Fi kliem iehor, ma giex ippruvat li l-att li ghamel l-imputat ,u cioè li ssabbat bi briksa ghal diversi drabi mal-scaffolding, sar fuq oggett li kien fil-pussess tal-istess familja Grima.

Dwar it-tieni imputazzjoni, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Bajada, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-2 ta' Mejju, 2013:

> *"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*
>
> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli.*

*Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din ilQorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*"….f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Ssir riferenza wkoll ghas-sentenza, Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fis-17 ta' Frar, 2011:

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi ilharassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi.*

*Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara xxebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond iccirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din ilkawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa*

*evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."* (Vide wkoll is-sentenza moghtija fit-13 ta' Marzu, 2020, minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Robert Ciappara).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fis-17 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Elizabeth Azzopardi, ntqal li:

*Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet IlPulizija vs. Massimo Tivisini:*

*"Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:*

*"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: IlPulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".*
*[...]*
*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht irraba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-*

*inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik limgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.*

*Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Flartikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna. [...]*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi flapplikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it- tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".*

*Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'.*

*Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).*
*In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round*

*the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness;*
*and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*

*Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed."*

Il-ligi ghalhekk, titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct*, u minn dina l-esposizzjoni legali, jirrizulta illi dan ir-reat ma jissussistix, jekk dan ikun xi incident izolat, kif fil-fatt huwa l-kaz in ezami. Mix-xhieda prodotta, ma gewx imsemmija xi incidenti ohra li graw qabel fil-granet ta' qabel, li jwasslu ghal prova rikjesta ta' *course of conduct.* Ghaldaqstant, l-imputat qed jigi lliberat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Dan jirrizulta mill-affidavit ta' PS 560, kif ukoll mill-kontroezami li sar lill-istess ufficjal. Irrizulta mix-xhieda tal-imputat, li verament kien gie mitkellem minn ufficjal tal-Pulizija, izda huwa haseb li ma ghandux ghalfejn imur l-Ghassa, ghax kien già tkellem mal-Pulizija, u fil-fatt, baqa' ma marx l-Ghassa tal-Pulizija, hekk kif gie mitlub li jaghmel.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, l-imputat huwa akkuzat ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioè dik ta' min "b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f'dan il-Kodici , jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku."

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali, "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995], ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali, javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza, kien jissejjah "a breach of the peace". Bhala regola, jkun hemm din il-kontravenzjoni meta

jkun hemm ghemil volontarju, li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat), dwar l-inkolumità fizika ta' persuna, jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil, jew minhabba l-possibilità ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Fl-Appell Kriminali, "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994], imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace", tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli, li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet, "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.", kien qal hekk:-

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni, McCall Smith u Sheldon, li fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu :-

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term:*

*in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .*

u dik il-Qorti ziedet tghid li :-

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).*

U aktar 'il quddiem, l-istess awtur jghid :-

*"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).*

Il-Qorti gharblet ix-xhieda moghtija mix-xhieda viva voce. Fic-cirkostanzi, tqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi, illi kien hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu, jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, nissel minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna, dwar l-inkolumità fizika ta' persuna, jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil, jew minhabba l-possibilità ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq sottomessi, din l-Onorabbli Qorti mhux qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, filwaqt li qed issib lill-imputat hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 338(dd) u l-Artikolu 355AD(3) u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda komplessiva ta' hamsin Ewro (€50).**

**Inoltre, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' hames mitt ewro (€500.00) ghal zmien sena mil-lum, sabiex bl-ebda mod ma jkellem jew jimmolesta lil Alexander Grima, Catherine Grima, Liam Grima u Ryan Sciberras.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**